# Il-Kappella f' Wied il-Lunzjata f' Għawdex

*kitba ta' Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed. Couns. (Bristol)*

Ftit 'il barra mir-Rabat ta' Għawdex, fit-triq li tieħu għar-raħal sabiħ ta' Kerċem, niltaqgħu ma' wied il-ġmiel tiegħu, "ġenna ta' ħdura" kif isejjaħlu tajjeb il-poeta Ġorġ Żammit (1909-1990). Minn ġenb għal ieħor ta' dan il-wied:

> ....................................... l-għana
> Jimla, jidwi, fin-nir tas-sema jdub:
> Tgħanni nOnixxiegħa qalb il-qasab; igħannu
> L-għasafar u l-werżieq qalb il-ħarrub.[1]

Dan il-wied huwa msejjaħ 'tal-Lunzjata' minħabba li f'nofsu, imgeddsa ma' ġenbejn il-blat, insibu kappella ċkejkna ddedikata lill-Annunzjazzjoni tal-Madonna.

**Id-Devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn il-Lunzjata**

Id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' l-Annunzjata hija antika ħafna u kienet mifruxa sew qabel is-seklu 17. Fil-fatt, skond l-istoriku Joseph Bezzina, dan huwa t-titlu l-aktar mifrux f'Għawdex wara dak ta' l-Assunta. Fl-antik kien hemm mhux inqas minn ħames kappelli ddedikati lil-Lunzjata, iżda llum baqa' biss din il-kappella li se nitkellmu fuqha. L-erba' kappelli l-oħra kienu waħda fir-Rabat fin-naħa msejjħa 'it-Tomba', oħra f'Wied Sara, oħra mibnija bejn l-1608 u l-1615 f'Għajn Meddew, u r-raba' waħda, li tmur lura mill-inqas sas-sena 1543, kienet f'Għajn Qatet fit-tarf tar-Rabat ukoll.[2]

**Ftit Storja**

Achille Ferres, fid-Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, jgħidilna li l-kappella tal-Lunzjata f'dan il-wied pittoresk hija waħda mill-iżjed kappelli antiki li għandna, mibnija x'aktarx ftit wara li l-gżejjer tagħna nħelsu mis-Saraċini. Il-kappella hija ġuspatronat fondat minn Donna Sibilla D'Aragona fis-sena 1347, skond ma jixhdu l-istatuti tas-sultan Martinu ta' Sqallija. Billi Donna Sibilla mietet mingħajr eredi, il-ġuspatronat waqa' f'idejn is-slaten ta' Sqallija li kienu wkoll slaten ta' Malta.

Fit-12 ta' Novembru tas-sena 1372, is-sultan Federiku III li kien qed iżur Malta nqeda b'dan id-dritt biex ħatar rettur tal-kappella lil Dun Bartilmew Axiaq. Fost dawk li gawdew dan il-benefiċċju jissemmew is-saċerdot Sagona (15 ta' Ottubru 1398), il-kjeriku Ġlormu Tabone (10 ta' Diċembru 1472), Dun Pietru de Beniamin, li fis-sena 1501 ittieħed ilsir mill-Mori, u Dun alvaro de Castella, li wkoll ġie maqbud ilsir iżda mbagħad inħeles u reġa' ngħata lura l-benefikat

tal-kappella fl-4 ta' 'Ġunju, 1511. [3]

Tul il-medda tas-snin din il-kappella twaqqgħet kemm-il darba u reġgħet ittellgħet mill-ġdid. Il-kappella bniet kif tidher illum mir-rettur Dun Pawl Tabone, li fis-sena 1629 ordna li jsir il-kwadru, xogħol il-pittur Bartilmew Garagona, li fih kienet tidher l-armat al-kunjom Tabone. Il-kwadru li hemm illum tpitter mill-Kavallier Fra Luqa Garnier, u ħallas għalih ir-rettur Dr Dun Nikola Mangion, li għamel ukoll il-prospettiva ta' l-artal bl-arma tiegħu mal-pilastri. Fl-1695 tqiegħdet l-arma rjali ta' Spanja fuq il-bieb prinċipali tal-knisja, iżda llum m'għadhiex teżisti, jgħidilna Ferres. Fl-1700 ġiet miżjuda mal-kappella sagristija ċkejkna. Fiha tidher l-arma tal-familja Testaferata, x'aktarx għax is-sagristija bniet mir-rettur Dun Ercole Martino Testaferrata. Dari qrib din il-kappella kien hemm oħrajnta' San Ġorġ, San Ġużepp, u San girgor ta' Għar Gerduf. [4]

Il-Kanonku Ġan. Franġisk Agius De Soldanis, fil-ktieb tiegħu *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu,* filwaqt li jirreferi għall-visti pastorali li saru fl-1618 u fl-1663, jgħidilna li dari kien hemm ħafna piżijiet ta' quddies marbutin ma' din il-kappella, iżda "il-lum hemm biss il-piż ta' quddiesa kull nhar ta' Sibt li jqaddisha r-Rettur tagħha li hu fid-dmir ukoll jagħmel il-quddiesa u l-għasar kantati tal-festa tagħha." [5]

**Deskrizzjoni tal-Kappella**

Il-kappella tal-Luzjata tinżel għaliha minn mogħdija fit-triq li mir-Rabat tieħu għal Kerċem. Hawn tilmaħ bini antik, x'aktarx ta' żmien l-Ordni, li fit-tarf tiegħu għandu statwa ta' San Ġużepp, donnu qed jgħasses il-wied. Kif tasal sal-bini u tgħaddi minn taħt l-arkata tal-bieb, imsejjaħ Bieb is-Sultan, dlonk tilmaħ il-kappella li quddiemha għandha zuntier żgħir imdawwar b'ċint baxx.

Minn barra, il-kappella għandha faċċata sempliċi għall-aħħar, xejn skultura, b'tieqa żgħira tonda 'l fuq mill-bieb. Fil-ġenb tal-lemin naraw skrizzjoni minquxa fil-ġebel li tgħid hekk:

*In atti del notaro Cristoforo Frendo dei di 20 Luglio 1889 se vede concessione enfiteutica delle terre beneficiale formanti la dote dei beneficio regio Ta' Lunziata per anni 99 da principiarsi il 15 Agos. A. Sal: Ant: Grech.*

Fuq ġewwa wkoll tolqtok is-sempliċità tal-kappella, li għandha għamla rettangolari, bis-saqaf jistrieħ fuq sitt ħnejjiet lixxi. Fuq il-bieb ta' barra naraw il-gallarija ta' l-orgni. L-unika dekorazzjoni tal-knisja tinsab fil-prospettiva ta' l-artal, li hija skulturata u ndurata. Il-prospettiva għandha żewġ pilastri skanatali b'kapitelli korinti, wieħed fuq kull naħa, li fuqhom jistrieħ il-frontispizju bix-xbihatal-Missier Etern. Il-kwadru titulari li, kif diġa' semmejna, huwa xogħol Fra Luqa Garnier, juri 'l Marija fil-mument tat-tħabbira mill-Anġlu Gabriel. Fuq ras il-Madonna naraw kuruna u madwarha stellarju ta' tnax-il kewkba.

L-artal ta' l-irħam li naraw illum, fl-imgħoddi kien fil-knisja ta' Savina fir-Rabat ta' Għawdex. Dan l-artal ħa post l-artal tal-ġebel li kien hemm qabel.

Fis-snin tmenin tqiegħed artal-mejda, tar-rħam ukoll, skond id-dispożizzjonijiet tar-riforma liturġika. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kappella, f'niċċa fil-ħajt, naraw l-istatwa tal-Lunzjata, xogħol l-istatwarju magħruf Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979), u fuq in-naħa tax-xellug naraw statwa ta' San Ġużepp. Il-kappella ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, nhar it-18 ta' Ottubru 1959.

"Id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn il-misteru li fih tfakkarna din il-knisja hija tassew qadima" jgħidilna Mons. Carmelo Scicluna (1931-). "Tant hu hekk li sa mill-qedem numru sabiħ ta' Rabtin u ta' 'nies oħra mill-irħula tal-qrib imorru jżuru din il-Knisja tal-Lunzjata kull nhar ta' Ġimgħa, fix-xahar ta' Marzu, ix-xahar li fih il-Knisja tfakkarna fit-tħabbira li l-Arkanġlu Gabriel għamel lil Marija Santissima li kellha tkun Omm Alla." [6]

**Il-Kappella tal-Lunzjata Llum**

Din il-kappella tal-Lunzjata għadha għażiża għall-Għawdxin daqs kem kienet fl-imgħoddi. Ir-rettur preżenti huwa Mons. Ġużeppi Azzopardi minn ta' Kerċem, li issa ilu s-snin jieħu ħsiebha. Minn tagħrif li tani ż-żagħżugħ Gabriel Gauci meta żort din il-kappella nhar is-Sibt, il-5 ta' Novembru 2005, jidher li din il-kappella hija ċentru ta' devozzjoni Marjana u taqdi ħafna l-bżonnijiet pastoralitan-nies ta' l-inħawi. Biżżejjed ngħidu li llum issir fiha quddiesa kuljum.

Iżda l-qofol tal-festi f'din il-kappella jintlaħaq fil-festa titulari tal-Lunzjata. Il-festa tibda bit-tlett ijiem tridu. Lejlet il-festa ssir it-translazzjoni tar-relikwija li fiha jieħdu sehem diversi monsinjuri tal-katidral ta' Għawdex. Waqt it-translazzjoni jsir il-kant ta' l-Ave Maris Stella mill-kleru, akkumpanjati minn strumenti mużikali. Nhar il-festa, barra l-quddies kull siegħa u pellegrinaġġi minn bosta parroċċi ta' Għawdex, filgħaxija ssir il-quddiesa kantata solenni mill-Isqof t'Għawdex, li miegħu jikkonċelebraw diversi minsinjuri tal-katidral. Skond l-istess Gabriel Gauci, "f'dawn il-ġranet tal-festa jkollna magħna diversi Maltin speċjalment minn Ħal Balzan u minn Ħal Tarxien". Il-kappella tkun imżejna għall-okkażjoni. Fost il-paramenti sagri li jintramaw insibu l-ventartal sabiħ tar-rakkmu fuq il-bellus u sett fjuretti tal-ganutell verament prezzjużi, minbarra l-gandlieri u s-sett ta' l-appostli, li jintramaw fuq l-artal maġġur. It-trieħi huma maħduma mill-bizzilla ta' Għawdex fuq disinni artistiċi li mill-ewwel jolqtu l-għajn.

Ġimgħa qabel il-festa tal-Lunzjata ssir il-festa liturġika ta' San Ġużepp, li għaliha jattendu bosta nies mill-inħawi tal-madwar. Isiru t-tliett ijiem tat-tridu solenni b'quddiesa bil-priedka. Nhar il-festa ssir konċelebrazzjoni li fiha jieħdu sehem bosta qassisin minn ta' Kerċem.

**Il-Ħruq ta' Novembru 2003**

F'Novembru tas-sena 2003, ħsarat fis-sistema tad-dawl ikkawżaw nar qawwi fil-kappella. Is-sagristija tal-knisja nqerdet kompletament, filwaqt li l-kamra ta' fuq is-sagristija sfrondatilha l-art. Inqered id-damask antik tal-knisja, iżda b'xorti tajba l-ventartal, il-fjuretti u l-pjaneti tal-festa ma' ġralhom xejn. B'xorti tajba wkoll in-nar ma laħaqx infirex fil-kappella, iżda d-duħħan u s-sħana għamlu bosta ħsarat lill-istatwa ta' San Ġużepp u lill-pittura tal-Missier Etern

li tinsab fuq il-kwadru tal-Lunzjata. Inżerta li dak iż-żmien il-kwadru titulari kien qiegħed Malta għar-restawr u għalhekk inħeles mill-impatt qerried tad-duħħan u l-foga.

Mill-ewwel bdiet il-ħidma tar-restawr. Is-sagristija u l-kamra ta' fuq tranġaw u s-saqaf reġa' sar mill-ġdid. L-istatwa ta' San Ġużepp ħaduha għar-restawr u l-pittura tal-Missier Etern reġgħet saret mill-ġdid. Inxtara sett damask ieħor, u naturalment reġgħu saru t-tibjid u l-induratura tal-kappella, hekk li għall-festa tal-Luzjata tas-sena ta' wara l-kappella reġgħet ħadet il-bixra sabiħa li kellha qabel. Ma' dan inżidu l-opra tar-restawr tal-kwadru illi reġgħet tagħtu l-ilwien oriġinali tiegħu qabel ma ntmess mill-ħafna jdejn mal-medda tas-snin.

**Oasi ta' Ġabra u Kwiet**

L-atmosfera f'din il-kappella u l-wied fejn tinsab hija waħda ta' ġabra, trankwilità u sliem. Bla ma trid, ħsiebek jintrafa' fil-Ħallieq u f'Ommna Marija, li magħha s-Setgħani għamel ħwejjeġ kbar. Forsi ħadd ma rnexxielu jaqbad is-serenità u l-paċi li jnissel Wied il-Lunzjata f'min iżuru daqs il-kittieb u studjuż Għawdxi Ninu Cremona (1880-1972) f'dawn il-versi, meħudin mill-poeżija tiegħu "Żjara f'Wied il-Lunzjata, Għawdex".:

> Mal-merħla tiela' għall-maqjel
> ir-ragħaj minn xi mogħdija.
> Fuq l-andar xi bidwija
> trodd is-salib.
> Tintefa fuq il-blata,
> f'Wied il-Lunzjata,
> l-aħħar dija tax-xemx,
> fis-skiet il-wied.
>
> Tinstema' biss qanpiena
> tħabbar ġol-knisja,
> f'*Ave Maria*
> is-sliem ta' filgħaxija. [7]

**26 ta' Novembru 2005**

**Riferenzi**


1. Ġorġ Zammit, "Lill-Wied tal-Lunzjata, Għawdex", *Fuq Ġwienaħ il-Għana* (Malta 1964, Lux Press), p. 109.
2. Joseph Bezzina. "Marian Devotions in Gozo", fil-ktieb ta' Vincent Borg (editur) *Marian Devotions in the Islands of St Paul 1600-1800* (Malta 1983), pp.228-230.
3. Achille Ferres, *Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo* (Malta 1866), pp.561-563.
4. Kilin, Kappelli u Knejjes Żgħar (Malta 1967, Empire Press), p.21.
5. Kan. Ġan. Piet Franġisk Agius De Soldanis, Għawdex bil-*Ġrajja Tiegħu*, miġjub bil-Malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia, It-Tieni Ktieb (Malta 1953, Stamperija tal-Gvern), p.53.
6. (Mons.) Carmelo Scicluna, *Santwarji Marjani f'Għawdex* (Malta 1967, Veritas Press), pp.12-15.
7. A. Cremona, "Żjara f'Wied il-Lunzjata, Għawdex", *Mis-Siġra ta' Ħajti - Weraq mar-Riħ* (Malta 1970, Malta University Press), pp.107-108.